MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 722/2009

**Id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili**

**-vs-**

**Bartolomew *sive* Robbie Debono u n-Nutar Robert Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-23 ta' Lulju 2009 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

1. Illi permezz ta' digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti fit-30 ta' Novembru 2006, fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni nru 1736/06, hawn esebit u mmarkat Dok A, il-Qorti Ċivili Prim' Awla, fuq talba ta' Mike Service Station Limited kienet inibiet lil varji persuni, fosthom lill-intimat Bartolomew *sive* Robbie Debono milli jittrasferixxi, fost

affarijiet oħra, is-sehem tiegħu mill-immobbli numerat 23/24, Rock Street, Qormi.

2. Illi permezz ta’ kuntratt ippubblikat fl-20 ta’ Settembru 2007, li tiegħu qiegħed hawnhekk tiġi esebita nota tal-insinwa numru 21456/2007 immarkata bħala Dok B, fl-atti tan-Nutar Robert Micallef, dana is-sehem ġie trasferit minn ċertu Gilbert Borg, minkejja tali inibizzjoni.

3. Illi, permezz ta’ rikors ippreżentat fit-8 ta’ Frar 2009, hawn immarkat Dok C dana nġieb a konjizzjoni ta’ dina l-Onorabbli Qorti, liema Qorti, fil-25 ta’ Frar 2009, ordnat lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, a tenur tat-Titolu XVII tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta jieħu kull azzjoni opportuna.

4. Illi għalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Għaldaqstant in vista tas-suespost, tgħid l-intimata għaliex m’għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Issib lill-intimati jew min minnhom ħatja ta’ disprezz kontra l-awtorita’ tagħha *ai termini* tal-Artikolu 997 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom għall-pieni ndikati fl-istess artikolu u tikkundannaha għall-priġunerija għal żmien sa xahar jew għal multa ta’ mhux inqas minn mitejn u tlieta u tletin Euro (€233) u mhux aktar minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2,330), jew għall-multa u priġunerija flimkien;

3. Timponi kwalunkwe ordni oħra meħtieġa fuq lill-intimati jew min minnhom *ai termini* tal-Artikolu 997 sub-artikolu (2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, inkluż billi tiffissa żmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet għandhom jiġu sodisfatti mill-intimati;

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati in subizzjoni, u bir-riserva ta’ kull dritt ta’ azzjoni ulterjuri skond il-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut preżentata fil-15 ta’ Settembru 2009, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi għalkemm meta sar il-bejgħ tal-immobbli in kwistjoni l-esponent kien (u għadu) iffaċċjat minn problemi finanzjarji serji, l-proprjeta’ li nbiegħet li kienet ta’ proprjeta’ komuni tal-esponent u ħutu nbiegħet kontra l-volonta’ tiegħu billi huwa ma riedx ibiegħha proprju minħabba li huwa kien inibit milli jbiegħ sehmu minn din il-proprjeta’, iżda huwa ġie persważ li jagħmel hekk fid-dawl tal-pressjoni inċessanti ta’ ħutu li kellhom interess li jbiegħu sehemhom minnufih, u wara li ġie mogħti parir mill-Avukat li kien jippatroċinah dak iż-żmien (mhux il-firmatarju tal-preżenti), fil-fehma tal-esponent in assoluta *buona fede*, fis-sens li l-bejgħ seta’ jsir billi dak iż-żmien kien previst li l-problemi finanzjarji tal-esponent kienu ser jiġu riżolti fil-ġejjieni qarib meta kien previst li anke Mike Service Station Limited kien ser jitħallas b’mod li ma kienx ikun hemm aktar interess li din is-soċjeta’ tippromwovi xi proċeduri relattivament għat-trasferiment tal-proprjeta’ in mertu. Effettivament dak iż-żmien, il-problemi finanzjarji tal-esponent baqgħu ma ġewx solvuti.

2. Illi mir-rikavat li inkassa l-esponent minn dan it-trasferiment huwa ħallas ħamsin fil-mija ta’ sehmu mir-rikavat direttament lil Mike Service Station Limited biex b’hekk inqata’ parti mill-kreditu dovut lil din il-kumpanija b’mod li in effetti l-esekuzzjoni ta’ dan il-kuntratt kien ta’ benefiċċju u ta’ utilita’ għall-istess kumpanija u għalhekk lanqas ma jista’ jingħad li l-esponent kellu intenzjoni li jiskapriċċa lill-imsemmija kumpanija għax li kieku dan kien il-każ huwa ma kien iħallas xejn lil din il-kumpanija mis-somma irriżorja li rċieva ta’ Lm2,000 ekwivalenti għal 4660 Ewro.

3. Illi minkejja l-esponent għadu ffaċċjat minn problemi finanzjarji serji huwa qiegħed fl-aħħar stadji tas-soluzzjoni tal-problemi finanzjarji tiegħu fil-ġejjieni immedjat u malli dan iseħħ huwa jkun f’qagħda li jħallas lill-imsemmija soċjeta’.

4. Illi għalhekk l-esponent ma kellux intenzjoni, lanqas remota li jisfida l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti u huwa wkoll aġixxa in assoluta *buona fede* iżda jerġa' jitlob il-maħfra u l-klemenza tagħha għall-akkadut.

5. Bla ħsara għall-eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Semgħet ix-xhieda;

Rat in-nota a fol 44 tas-soċjeta' Mike Service Station Limited li permezz tagħha ddikjarat li hija tħallset l-ammont dovut lilha mill-konvenut Debono;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Marzu 2012 fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjeż;

Ikkunsidrat;

Illi din hija kawża dwar disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti mressqa mill-attur wara li l-konvenut Debono kif spjegat fir-rikors ittrasferixxa il-proprjeta' msemmija. Dan sar in segwitu għar rikors ta' soċjeta kreditrici tiegħu u d-digriet tal-Qorti illi ordnat li ssir din il-kawża.

Illi l-konvenuti kif ingħad huma kontumaċji u ma ressqu ebda prova.

Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **"Registratur tal-Qrati Superjuri vs Kristinu Giordmaina"** (deċiża fil-25 ta' Settembru 2003 – JRM) deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta:

*"Il-proċedura ta' disprezz għandha natura partikolari. Hija maħsuba biex tħares ir-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti. Waħda mis-setgħat ewlenin ta' kull Qorti hija li tagħti ordnijiet lil xi ħadd, kemm jekk biex il-persuna tagħmel xi*

*ħaġa jew biex dik il-persuna ma tagħmilx xi ħaġa. ... Kif jgħallem* ***Lord Denning****, 'This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of Court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt. (****In re Bramblevale Limited*** *– 1970).*

*Illi minbarra dan xilja ta' disprezz iġġib magħha l-ħtiega li tiġi ppruvat, minn min qiegħed jixli, il-fehma tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'konsegwenza ta' hekk l-awtorita' tagħha.*

*Illi madankollu din l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni mogħti lilha bħala wieħed korrett jew le; is-siwi ta' dik l-ordni, sakemm ma jitħassarx' b'ordni ieħor tal-Qorti nnifisha jew ta' Qorti oħra, huwa raġuni oġġettika li torbot lill-mixli li joqgħod għaliha, jaqbel jew ma jaqbilx magħha. Hekk stabbilew il-Qrati tagħna, ukoll fejn wara rriżulta li l-ordni tal-Qorti kien wieħed null u bla siwi. (Appell Civili,* ***"Edward Camilleri vs Carmelo Vella"*** *- 7 ta' Ottubru 1997)."*

Ili l-attur għalhekk fil-kawża m'għandu xejn x'jirbaħ għajr li jiżgura li tiġi mħarsa l-amministrazzjoni tal-ġustizzja – **"Il-Qorti vs Camilleri" Vol. LXXIV-iii-546**.

Illi mill-provi li tressqu quddiemha ma hemmx dubju li l-intimat Debono u l-intimat Micallef bħala Nutar kienu ħatja ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti għaliex xorta baqgħu għaddejjin u trasferew proprjeta' tal-istess Debono; billi pero' dan issa ssalda d-dejn tiegħu l-attur ma baqax jinsisti fuq it-talba tiegħu u llimita ruħu li jitlob kundanna fuq il-Kap tal-ispejjeż.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi, u *ai termini* tal-Artikoli 997 *et sequitur* tal-Kap. 12 tikkundanna lill-konvenuti biex iħallsu l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------